Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għas-Sajd

2022/2148(INI)

5.4.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-implikazzjonijiet tal-operazzjonijiet tas-sajd Ċiniżi għas-sajd tal-UE, u t-triq 'il quddiem
(2022/2148(INI))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Pierre Karleskind

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implikazzjonijiet tal-operazzjonijiet tas-sajd Ċiniżi għas-sajd tal-UE, u t-triq 'il quddiem
(2022/2148(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem[3],

– wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmulin b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni [COM(2022)0453] u l-abbozz ta' rapport tal-Parlament dwar dik il-proposta,

– wara li kkunsidra l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 [COM(2022)0071] u l-abbozz ta' rapport tal-Parlament dwar dik il-proposta,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija 'Mill-Għalqa sal-Platt'" [COM(2020)0381] u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar dik l-istrateġija[4],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030" [COM(2020)0380], u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar dik l-istrateġija[5],

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982,

---

[1] ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22
[2] ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1
[3] ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 1
[4] ĠU C 184, 5.5.2022, p. 2
[5] ĠU C 67, 8.2.2022, p. 25.

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS) tal-1 ta' Novembru 1974,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni li tistabbilixxi l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) tas-6 ta' Marzu 1948,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni (Nru 188) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar ix-xogħol fis-settur tas-sajd tal-14 ta' Ġunju 2007,

– wara li kkunsidra l-Protokoll ta' Torremolinos tat-2 ta' April 1993 u l-Ftehim ta' Cape Town tal-2012,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal (LDAC) u tal-Kunsill Konsultattiv għas-Swieq (MAC) tat-13 ta' Diċembru 2022 (R-06-22/WG4-WG5),

– wara li kkunsidra l-istudju ta' Diċembru 2022 bit-titolu "Recherche pour la commission PECH – Rôle et influence de la Chine dans la pêche et l'aquaculture mondiales" (Riċerka għall-Kumitat PECH – ir-rwol u l-influwenza taċ-Ċina fis-sajd u l-akkwakultura globali),

– wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port biex Jipprevjeni, Jiskoraġġixxi u Jelimina Sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Irregolat, konkluż fil-qafas tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) tat-22 ta' Novembru 2009,

– wara li kkunsidra t-Trattat tal-4 ta' Marzu 2023 dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar f'żoni li ma jaqgħux taħt il-ġuriżdizzjoni nazzjonali,

– wara li kkunsidra s-Sħubija Blu dwar l-Oċeani bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina tas-16 ta' Lulju 2018,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2019 dwar UE-Ċina – Perspettiva strateġika [JOIN(2019)0005],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2022 dwar l-istrateġija Indo-Paċifika fil-qasam tal-kummerċ u tal-investiment[6],

– wara li kkunsidra t-13-il pjan ta' ħames snin għall-iżvilupp tas-sajd fl-ibħra internazzjonali miċ-Ċina tal-2017,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0000/2023),

A. billi l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jispeċifika li l-Unjoni Ewropea għandha tiġġestixxi r-relazzjonijiet esterni tagħha fil-qasam tas-sajd bil-għan li tiżgura l-

[6] ĠU C 47, 7.2.2023, p. 15.

użu, il-ġestjoni u l-konservazzjoni sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-ambjent tal-baħar;

B. billi l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jipprovdi li l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd li jirriżultaw minn sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (minn hawn 'il quddiem, "sajd IUU") hija pprojbita;

C. billi attwalment hemm erba' pajjiżi terzi b'karta ħamra u tmien pajjiżi terzi b'karta safra;

D. billi ċ-Ċina għandha l-akbar flotta tas-sajd fl-ibħra internazzjonali fid-dinja u hija l-akbar importatur fid-dinja tal-frakass tal-fdal tal-ħut[7];

E. billi l-Unjoni tappoġġja l-iżvilupp u l-ġestjoni ta' sajd sostenibbli, inklużi miżuri biex jittejbu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza fil-ġlieda kontra s-sajd IUU;

F. billi r-Repubblika Popolari taċ-Ċina hija firmatarja tal-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) ta' Ġunju 2022 dwar is-sussidji għas-sajd;

G. billi r-Repubblika Popolari taċ-Ċina rratifikat il-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali f'Ġunju 2022;

H. billi l-Unjoni u r-Repubblika Popolari taċ-Ċina ffirmaw ftehim bilaterali fl-2018, magħruf bħala s-Sħubija Blu, immirat lejn it-titjib tal-kooperazzjoni dwar il-governanza globali tal-oċeani, li l-grupp ta' ħidma permanenti tiegħu jiltaqa' darba jew darbtejn fis-sena;

I. billi l-Uffiċċju tal-Kontroll tal-assi Barranin tat-Teżor tal-Istati Uniti ħareġ sanzjonijiet skont l-Att ta' Magnitsky kontra diversi kumpaniji tas-sajd Ċiniżi fuq suspett ta' xogħol furzat;

J. billi l-qabdiet globali mill-baħar taċ-Ċina bħalissa jammontaw għal bejn 14 u 16-il miljun tunnellata, li minnhom bejn 3 u 4 miljun tunnellata jiġu minn sajd fuq distanzi twal, b'parti kbira tinqabad fl-ilmijiet lil hinn mill-Afrika tal-Punent u lil hinn mill-Amerka t'Isfel tal-Punent (l-Ekwador u l-Perù)[8];

K. billi 39 % tal-fletti tat-tonn li jibbenefikaw minn kwoti tariffarji awtonomi ta' 0 % importati fl-Unjoni fl-2017 ġew miċ-Ċina[9];

L. billi ċ-Ċina saħħet ir-regolamentazzjoni tagħha dwar il-ġestjoni tas-sajd fuq distanzi twal fl-2020; billi hija impenjat ruħha fl-2017 li tillimita l-flotta tagħha għas-sajd fl-ibħra internazzjonali għal 3 000 bastiment sal-2020;

L-iżgurar ta' trasparenza massima

1. Jiddeplora n-nuqqas ta' trasparenza fl-għadd ta' bastimenti fil-flotta Ċiniża għas-sajd fl-

[7] Pauly, D. *et al.*, "Recherche pour la commission PECH – Rôle et influence de la Chine dans la pêche et l'aquaculture mondiales" (Riċerka għall-Kumitat PECH – ir-rwol u l-influwenza taċ-Ċina fis-sajd u l-akkwakultura globali), Il-Parlament Ewropew, Brussell, 2022, p.14 u 28.
[8] Ibid., p.14.
[9] L-Opinjoni tal-LDAC (R-10-20/WG1), Lulju 2020.

ibħra internazzjonali; jinnota li t-total tal-flotta Ċiniża jirrappreżenta kważi 27 000 bastiment; jesprimi dispjaċir li r-regolament "ta' kontroll" adottat miċ-Ċina japplika biss għall-flotta tagħha għas-sajd fl-ibħra internazzjonali, li tirrappreżenta parti marġinali mill-flotta tagħha;

2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni titlob li l-bastimenti tas-sajd kollha jkollhom numru ta' identifikazzjoni tal-OMI u li jiġi pprojbit l-użu ta' bnadar ta' konvenjenza; jitlob li jkun hemm aċċess pubbliku għall-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja tal-bastimenti tas-sajd, irrispettivament mill-bandiera tagħhom;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex titlob aktar trasparenza mill-awtoritajiet Ċiniżi dwar l-attivitajiet tas-sajd u l-ftehimiet tas-sajd tal-flotot Ċiniżi għas-sajd fl-ibħra internazzjonali;

4. Jinnota li l-ftehimiet dwar is-sajd bejn ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u pajjiżi terzi qegħdin jiżdiedu; jesprimi dispjaċir dwar in-nuqqas ta' trasparenza dwar dawn il-ftehimiet, liċenzji u awtorizzazzjonijiet;

5. Jitlob li ċ-Ċina tirratifika u timplimenta l-Ftehim tal-FAO dwar il-miżuri tal-Istat tal-Port; jistieden lill-Istati kostali biex jagħmlu pubbliċi r-reati u s-sanzjonijiet kontra bastimenti tas-sajd fl-ibħra internazzjonali;

Id-difiża tal-Unjoni Ewropea kontra prattiki kummerċjali inġusti

6. Jappella lill-Istati Membri biex japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-UE b'mod strett fir-rigward tas-sistema tat-traċċabbiltà u tad-dikjarazzjoni tal-qbid; jixtieq li jibda jiġi nnotat l-għadd ta' prodotti maqbuda mill-bastimenti Ċiniżi u li mbagħad jidħlu fis-suq tal-Unjoni;

7. Iħeġġeġ liċ-Ċina u lill-pajjiżi li magħhom hija ffirmat ftehimiet dwar is-sajd biex isaħħu l-kapaċità tagħhom li jimmonitorjaw, jidentifikaw, jipprevjenu u jirrispondu għal inċidenti tas-sajd IUU; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni takkumpanja dawn l-isforzi mil-lat tekniku;

8. Iħeġġeġ lill-produtturi tal-frott tal-baħar fl-UE biex jiddiversifikaw is-sħab tagħhom għall-ipproċessar inizjali;

9. Jissottolinja li ċ-Ċina żiedet b'mod sinifikanti l-importazzjonijiet tagħha lejn l-UE permezz ta' kwoti tariffarji awtonomi; iqis li dan joħloq distorsjonijiet tas-suq b'importazzjoni kbira f'Jannar li ma tikkorrispondix għal domanda speċifika; jinnota li dawn l-importazzjonijiet żdiedu gradwalment minn 25 000 tunnellata fl-2017 għal 50 000 tunnellata fl-2020;

10. Jinnota li ċ-Ċina tissussidja l-flotot tagħha li joperaw fiż-żoni ekonomiċi esklużivi u fl-ibħra internazzjonali; jissottolinja li l-iffirmar reċenti f'Ġunju 2022 tal-ftehim tad-WTO dwar is-sussidji għas-sajd għandu jillimita l-ammonti mogħtija;

Il-ħarsien tar-riżorsi tas-sajd, id-drittijiet tal-bniedem u s-sovranità tal-ikel

11. Jinnota li l-intensità tal-attivitajiet tal-flotta tas-sajd Ċiniża għandha t-tendenza li tnaqqas l-istokkijiet; iqis li l-istatus tal-istokkijiet fil-mira għandu jiġi vvalutat sabiex jiġi ddeterminat il-livell ta' sfruttament;

12. Iħeġġeġ l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' ġestjoni f'pajjiżi li magħhom l-Unjoni għandha Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs); jinnota li l-SFPA mal-Mawritanja, li jinkludi pjan ta' ġestjoni għall-ispeċijiet pelaġiċi, naqqas il-pressjoni tas-sajd eżerċitata mill-bastimenti kollha li għandhom fil-mira tagħhom dawn l-istokkijiet;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija biex tindirizza l-fatt li ċ-Ċina qiegħda timporta dejjem aktar frakass tal-fdal tal-ħut mill-bqija tad-dinja; jissottolinja li importazzjonijiet bħal dawn jistgħu jkunu perikoluż għas-sigurtà tal-ikel fl-Afrika;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tuża r-Regolament (UE) 2020/1998 kontra kumpaniji Ċiniżi li diġà ġew issanzjonati mit-Teżor tal-Istati Uniti u, jekk ikun meħtieġ, testendi din il-miżura għal kumpaniji oħra akkużati li jiksru d-drittijiet tal-bniedem;

L-iżgurar tal-kontinwità tad-djalogu bejn iċ-Ċina u l-UE

15. Jissottolinja l-kollaborazzjoni maċ-Ċina fil-livell globali, fi ħdan l-FAO, l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u d-WTO, biex jiġu żviluppati politiki u regolamenti globali kontra s-sajd IUU;

16. Jistieden lill-UE u liċ-Ċina jikkooperaw mill-qrib fuq l-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, il-governanza tal-oċeani – b'mod partikolari s-sajd – u l-ġlieda kontra s-sajd IUU;

17. Jinnota diskrepanza bejn ir-riżorsi umani u finanzjarji allokati lid-DĠ MARE fir-rigward taċ-Ċina u l-ħtiġijiet reali; jitlob li jiġu bbilanċjati mill-ġdid sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tad-djalogu;

°

° °

18. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-rapporteur xtaq jenfasizza erba' oqsma strateġiċi ewlenin sabiex jiġu indirizzati l-implikazzjonijiet tal-operazzjonijiet tas-sajd Ċiniżi.

L-ewwel wieħed huwa dak tat-trasparenza ta' dawn l-operazzjonijiet. Huwa fundamentali li jkun magħruf aħjar l-isforz tas-sajd li jsir mill-flotot Ċiniżi u l-kundizzjonijiet li taħthom jitwettaq, sabiex il-leġiżlatur ikun jista' jipprovdi rispons effettiv u xieraq. Skont l-istimi, iċ-ċifri jvarjaw minn 900 sa 2 900 bastiment Ċiniż għas-sajd fl-ibħra internazzjonali. Fil-preżent, għandna ftit wisq informazzjoni dwar il-qabdiet li jsiru mill-bastimenti Ċiniżi, is-sussidji li jirċievu, u l-kontenut tal-ftehimiet li ċ-Ċina stabbiliet ma' pajjiżi terzi. Dan in-nuqqas ta' *data* huwa ostaklu kbir għall-ġestjoni xierqa tar-riżorsi tas-sajd, u ma jiggarantixxix il-kundizzjonijiet għal attività tas-sajd irregolata, sostenibbli u li tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem. Il-kisba ta' din l-informazzjoni u l-inkoraġġiment taċ-Ċina biex tipprovdi trasparenza akbar għalhekk huma prijorità għar-rapporteur.

It-tieni qasam huwa l-protezzjoni tas-settur Ewropew tas-sajd minn prattiki kummerċjali inġusti. Il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd hija possibbli biss billi jiġu rrispettati regolamenti rigorużi u ambizzjużi, bħal dawk tal-Politika Komuni tas-Sajd. Min-naħa l-oħra, dawn ir-rekwiżiti imposti fuq is-sajjieda tagħna jagħmlu sens biss jekk japplikaw ukoll għall-prodotti li nimpurtaw fl-UE. F'dan is-sens, iċ-Ċina tirrappreżenta theddida unika għall-vijabbiltà tas-settur Ewropew tas-sajd, minħabba l-importanza dejjem tikber tagħha għas-suq Ewropew u n-nuqqas ta' trasparenza tas-sajd tagħha. Ir-rapporteur għalhekk jipproponi li tissaħħaħ it-traċċabbiltà tal-prodotti li nimpurtaw biex jiġi żgurat li l-istandards soċjali u ambjentali tagħna jiġu rrispettati, u b'mod partikolari li dawn ma jkunux ġejjin mis-sajd IUU. Ir-rapporteur jappella wkoll għal kompetizzjoni aktar ġusta permezz tal-implimentazzjoni effettiva tal-ftehim milħuq fid-WTO f'Ġunju 2022 dwar is-sussidji tas-sajd li huma ta' dannu.

It-tielet qasam propost mir-rapporteur jikkonċerna l-ħtieġa li jiġu protetti r-riżorsi tas-sajd fil-livell globali, kif ukoll id-drittijiet tal-bniedem u s-sovranità tal-ikel. L-ambizzjonijiet tal-UE f'termini tal-ħarsien ambjentali u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem għandhom jiġu mtennija fil-livell internazzjonali biex jintlaħqu. Din hija wkoll it-tifsira tal-Artikolu 28 tal-Politika Komuni tas-Sajd jew tal-ħidma li għaddejja bħalissa dwar il-projbizzjoni ta' prodotti minn xogħol furzat u d-dmir ta' diliġenza tal-kumpaniji, ikkwotati mir-rapporteur fil-proposta tiegħu. Iċ-Ċina, permezz tal-attivitajiet intensivi tas-sajd tagħha u n-nuqqas ta' trasparenza, qiegħda toħloq pressjoni konsiderevoli fuq ir-riżorsi tas-sajd tad-dinja. Xi drabi tagħmel dan għad-detriment tad-drittijiet tal-bniedem, billi hemm diversi allegazzjonijiet ta' xogħol furzat. Fl-aħħar nett, din il-pressjoni fuq l-istokkijiet tippreżenta riskji għas-sigurtà tal-ikel, b'mod partikolari fl-Afrika tal-Punent fejn jintużaw riżorsi li huma essenzjali biex jitimgħu lill-popolazzjonijiet lokali għall-produzzjoni tal-frakass tal-fdal tal-ħut. Iċ-Ċina waħedha hija responsabbli għal 50 % tal-importazzjonijiet globali ta' frakass tal-fdal tal-ħut, u għalhekk dan ir-rapport huwa rilevanti. Lil hinn mill-isfida evidenti tas-sostenibbiltà tar-riżorsi tas-sajd, il-kwistjoni hija s-sovranità tal-ikel u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja. Għalhekk ir-rapporteur jitlob li jittieħdu miżuri restrittivi kontra kumpaniji li ma jirrispettawx id-drittijiet tal-bniedem, u li fejn ikun meħtieġ issir valutazzjoni tal-istat tal-istokkijiet (speċjalment dawk fil-mira taċ-Ċina għall-produzzjoni tal-frakass tal-fdal tal-ħut).

Fir-raba' qasam, ir-rapporteur jinsisti li jitkompla d-djalogu bejn l-UE u ċ-Ċina biex jinkiseb

sajd aktar sostenibbli. Is-sajd huwa wieħed mis-suġġetti li dwarhom il-korpi multilaterali għadhom jistgħu jaqblu llum. L-eżempji l-aktar reċenti huma l-ftehim tan-NU dwar it-trattat dwar l-ibħra internazzjonali ta' Marzu u l-ftehim tad-WTO dwar is-sussidji għas-sajd ta' Ġunju 2022. Iċ-Ċina għamlet ukoll progress fil-ġlieda kontra s-sajd IUU f'dawn l-aħħar snin. Ir-rapporteur għalhekk jitlob li d-djalogu jitkompla kemm fil-livell bilaterali maċ-Ċina kif ukoll fil-livell multilaterali (l-FAO, l-RFMO u d-WTO) biex jinkiseb sajd aktar sostenibbli u rregolat aħjar.

Fil-qosor, l-UE tista' u għandha tieħu azzjoni biex tagħmel is-sajd aktar sostenibbli fid-dinja. Din tibda b'titjib kontinwu tal-prattiki tagħna stess, b'konsultazzjoni mal-partijiet interessati kkonċernati, biex nuru t-triq 'il quddiem. Iżda l-isforzi li jsiru mis-sajjieda tagħna se jkunu għalxejn jekk ir-regolamenti japplikaw għalihom biss u ma jqisux l-attivitajiet tas-sajd tal-flotot ta' pajjiżi terzi. Iċ-Ċina, bħala attur ewlieni fis-sajd globali, għandha rwol ċentrali x'taqdi. Għalhekk għandha taqbad it-triq lejn sajd aktar trasparenti, sostenibbli u rregolat aħjar.